# CHARLES J. SCICLUNA

GĦALL-GRAZZJA TA' ALLA

U TAS-SEDE APPOSTOLIKA

ARĊISQOF TA' MALTA

---

**Proċess tal-Beatifikazzjoni u tal-Kanonizzazzjoni**
**tal-Qaddej ta' Alla**
**Henry Casolani (1917-1999)**
**Lajk Miżżeweġ**

## EDITT

Henry Casolani, iben Ġorġ u Maria Concetta née Borg, twieled il-Belt Valletta fil-25 ta' Novembru 1917 u tgħammed fil-Parroċċa ta' San Pawl, il-Belt, erbat ijiem wara. Huwa żżewweġ lil Inez nee' Vassallo fid-19 ta' April 1944 fil-Knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta. Henry u Inez Casolani kellhom tifla waħda, Cecilia. Cecilia kienet l-għożża ta' ħajjithom! Rawmuha fl-imħabba, fil-għerf spiritwali u fil-biża' ta' Alla. Ta' dsatax-il sena Cecilia daħlet reliġjuża mas-Sorijiet ta' *St. Joseph of the Apparition*.

Minn tfulitu sa ma miet, Henry Casolani kien bniedem ġentili, edukat u ta' qalbu f'idu. Allavolja kien ġej minn familja distinta, Henry Casolani kien bniedem umli u qatt ma ftaħar b'hekk. Kien '*a born artist'* għax sa minn twelidu kellu d-doti ta' artista. Huwa rebaħ borza ta' studju biex imur jistudja barra minn Malta, izda peress li kien għarus lil Inez irrifjutaha biex ma jinfatamx mill-maħbuba tiegħu, Inez, għal daqstant zmien.

Kif bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, huwa kien sekondat mar-*Royal Army Medical Corps*. Wara, kellu karriera twila mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bħala draughtsman. Fl-1977 irtira bil-pensjoni. Fuq il-post tax-xogħol, Henry ħoloq ambjent miżgħud bl-ispirtu tal-Vanġelu. Ta' kull filgħodu kien jiġbor lil sħabu għat-talba ta' filgħodu, għall-Angelus u, nhar ta' Ġimgħa, kien jgħidilhom it-talba tat-Tlieta ta' wara nofs in-nhar. Kien iħeġġeġ lil sħabu fl-obbligi spiritwali tagħhom. Kien bniedem rett u onest. Kien fdat minn kulħadd. L-ubbidjenza, l-umiltà u l-karità kienu l-karatteristiċi ewlenin fil-ħidma tiegħu. Kien bniedem ta' Alla, bniedem tas-Sagramenti, tal-Qrar u tat-Tqarbin, bniedem tal-Kmandamenti kollha, bniedem li baqa' jikber tul ħajtu kollha fit-tagħlim nisrani. Ma' dawk kollha li kienu jafuh kellu reputazzjoni ta' 'appostlu tal-paċi'.

Henry qatt ma qal kelma kontra ħadd. Kien jara t-tajjeb f'kull bniedem u mhux id-difetti li kien hemm fih. Ma kienx jiġġudika lill-oħrajn. Kien ifaħħar biss! Kien kapaċi jaħfer, u jpatti bil-ġid id-deni u l-inġustizzji li kien jirċievi.

Qabel joħroġ huwa kien jipprepara xi flus fil-but biex jagħtihom karità. Ma kellu l-ebda irbit mal-ħwejjeġ materjali. Il-Quddiesa u t-Tqarbina ta' kuljum kienu s-sisien ta' ħajtu. Kien iqatta' ħin twil fis-skiet quddiem it-Tabernaklu jadura lil Ġesù Sagramentat. Viżta lil Ġesù Sagramentat baqa' jagħmilha kuljum sal-aħħar ta' ħajtu. Henry Casolani dejjem laqa' bla tlaqliq u bla biża' r-Rieda Mqaddsa ta' Alla. Dan għamlu wkoll meta fil-fond ta' qalbu ġieli ma fehmx it-toroq misterjużi tal-Mulej. Il-Kelma ta' Alla li huwa kien jaf tant tajjeb u li għexha b'tant żelu u ħerqa ħalliha tirgħa fix-xquq ta' qalbu u timlieh bil-ħniena u b'imħabba safja.

Ħajjet Henry Casolani ma kinitx ward u żahar. Ghadda minn ħafna qtigħ ta' qalb u tigrib fil-moħbi. Bata uġigħ tal-mard fis-skiet! Henry kien kapaċi jgħaqqad is-sofferenzi tiegħu mal-passjoni ta' Ġesù. Kien iħalli lil Alla jaħdem f'ħajtu u juri miegħu l-egħġubijiet tal-Ħniena Tiegħu. Dan jidher ċar, per eżempju, fil-fejqan xjentifikament inspjegabbli tal-vista ta' għajnejh meta talab b'fidi kbira bl-interċessjoni tal-Venerabbli, illum Beata, Maria Adeodata Pisani.

Henry Casolani għex iż-żwieġ tiegħu b'impenn, b'fedeltà u b'entużjażmu fuq i-twemmin  li 'dak li jgħaqqad Alla m'ghandux jifirdu l-bniedem'. Bħal martu Inez, kien jisħaq hafna fuqu dan. Il-familja kienet il-milja ta' ħajtu u ż-żwieġ tiegħu mat-twajba Inez kienet benniena ta' mhabba u ta' qdusija. Għenu lil xulxin jitqaddsu huma l-ewwel fil-familja u mbagħad għaddew din il-mira lin-nies ta' madwarhom.

Henry Casolani miet fid-29 ta' Dicembru, 1999. L-aħħar kliem ta' hajtu, li tenna b'qalbu kollha, kienu: 'Madonna, ħenn ghalija!' B'hekk Henry Casolani poġġa lilu nnifsu totalment taħt il-protezzjoni ta' Sidtna Marija.

Mitlubin mill-Postulatur tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' l-istess Henry Casolani biex jingħata bidu għal din il-kawża, skont in-Normi tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin, qed nippubblikaw dan l-Editt biex nitolbu lil kull min għandu xi kitba ta' Henry Casolani jgħaddiha fil-Kanċellerija tat-Tribunal Metropolitan fil-Kurja Arċiveskovili, Valletta. B'kitba nifhmu mhux biss dik stampata iżda wkoll manuskritti, id-djarji, ittri u kull kitba oħra privata ta' dan il-Qaddej ta' Alla. Dawk li jixtiequ li jżommu l-oriġinal jistgħu jippreżentaw kopja li, wara li tkun verifikata ma' l-oriġinal, tiġi awtentikata mill-Kanċellier ta' l-istess Tribunal.

Nordnaw li dan l-Editt jitwaħħal fil-bieb tal-Kurja għal xahrejn u jitwaħħal fin-notice board tal-parrocci għall-istess zmien.

Mogħti mill-Kurja Tagħna fil-Furjana, illum 21 ta' Awwissu, 2015, tifkira tal-Papa San Piju X.

Lawrence Gatt
Kanċillier

✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta